MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2013

Rikors Numru. 26/2010

**Vella Investments Limited**

**Vs**

**Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikorsipprezentat mis-socjetà Vella Investments Limited fid-19 ta' Awwissu 2010, permezz ta' liema titlob li t-Tribunal jirrevoka *in toto* d-decizjoni ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta fil-konfront taghha datata 2 ta' Awwissu 2010, u dana billi kuntrarjament ghal dak determinat mill-Awtorità dakinhar tal-VRT test fuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni GAT-791 l-istess vettura kienet mghammra b'*seal* fuq il-*fuel flow adjuster screw*;

Ra r-Risposta ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta permezz ta' liema topponi ghat-talba tas-socjetà Rikorrenti u titlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess socjetà, stante li: (i) it-talbiet tas-socjetà Rikorrenti huma infondati

fil-fatt u fid-dritt peress illi d-decizjoni kontestata hija legali, gusta u ghandha tigi ikkonfermata; u (ii) mill-investigazzjonijiet illi saru mill-Awtorità irrizulta b'mod car li l-vettura in kwistjoni ma kellhiex is-sigill kif mehtieg skond il-Ligi u ghalhekk l-Awtorità ghaddiet biex tiehu l-passi mehtiega kontra s-socjetà Rikorrenti kif mehtieg mill-Ligi;

Ra li b'Digriet moghti fit-3 ta' Mejju 2011 it-Tribunal ordna korrezzjoni fl-okkju tal-kawza u kull fejn mehtieg fl-atti tal-proceduri fis-sens illi isem l-Awtorità intimata jigi indikat bhala "Awtorità ghat-Trasport f'Malta";

Sema' x-xhieda ta' Noel Vella[1], ta' John Vassallo[2], ta' George Farrugia[3], ta' Clayton Zerafa[4] u ta' Lino Abela[5] moghtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Dicembru 2011 u ra d-dokumenti esebiti waqt l-imsemmija seduta markati Dok. "GF1" u Dok. "GF2" a fol. 14 u 15 tal-process, sema' x-xhieda ta' George Farrugia moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' Mejju 2012[6] u ra d-dokumenti esebiti minnu waqt l-imsemmija seduta a fol. 29 sa' 35 tal-process, sema' x-xhieda ta' Lino Abela[7], ta' Joseph Mifsud[8] u ta' Clint Mansueto[9] moghtija waqt is-seduta tas-26 ta' Novembru 2012 u rat id-dokumenti li gew esebiti waqt l-imsemmija seduta markati Dok. "GV1" sa' Dok. "GV5" a fol. 41 sa' 45 tal-process;

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

B'avviz datat 2 ta' Awwissu 2010 is-socjetà Rikorrenti giet infurmata li *on the 30th July 2010 the Transport Malta Unit*

---

[1] Fol. 16 tal-process.
[2] Fol. 18 u 19 tal-process.
[3] Fol. 20 u 21 tal-process.
[4] Fol. 22 tal-process.
[5] Fol. 24 u 25 tal-process.
[6] Fol. 36 sa' 38 tal-process.
[7] Fol. 47 u 48 tal-process.
[8] Fol. 49 tal-process.
[9] Fol. 50 u 51 tal-process.

*Officers had carried out a post VRT inspection on the above-mentioned vehicle. Your VRT test was conducted on the 22nd July 2010 and the following irregularities related to the VRT test were noted during the Transport Malta inspection. A missing seal in the fuel flow adjuster screw. Please be informed that according to Legal Notice 43 of 2008 and Subsidiary Legislation 65.15 Schedule 12 item 28 your tester Mr. John Vassallo bearing licence number LTD 38/98/62 is therefore being penalized the total points of 50 points (Fifty) that are equivalent to €550*[10]*.* Bil-proceduri odjerni s-socjetà Rikorrenti tikkontesta din id-decizjoni ta' l-Awtorità intimata fil-konfront taghha in bazi ghall-aggravju li *meta sar l-ezami tal-VRT fuq il-vettura in kwistjoni hija kienet fil-fatt mghammra b'seal fuq il-fuel flow adjuster screw* u titlob li l-istess decizjoni tigi revokata *in toto*.

L-Awtorità intimata da parte taghha topponi ghat-talba tas-socjetà Rikorrenti u titlob li l-istess tigi michuda stante li d-decizjoni taghha tat-2 ta' Awwissu 2010 hija legali u gusta u ghandha tigi kkonfermata peress illi mill-investigazzjonijiet li ghamlet irrizulta li l-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni GAT-791 ma kellhiex sigill kif mehtieg skond il-Ligi, u kien ghalhekk illi ttiehdu passi fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti.

Mill-provi prodotti mis-socjetà Rikorrenti u senjatament mix-xhieda ta' Noel Vella u ta' John Vassallo[11], dan ta' l-ahhar *tester* mas-socjetà Rikorrenti u t-*tester* li ghamel il-VRT test fuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni GAT-791, jirrizulta li meta sar il-VRT test fuq l-imsemmija vettura din bhala fatt ma kellhiex sigill ta' jew approvat mill-Awtorità intimata izda, skont is-socjetà Rikorrenti u x-xhieda minnha prodotti, partikolarment John Vassallo, dak iz-zmien is-sigill ta' jew approvat mill-Awtorità intimata ma kienx mehtieg ghaliex (i) il-vettura già kellha sigill tal-fabbrika li kien accettat minn u accettabbli ghall-Awtorità intimata; u ghaliex (ii) fiz-zmien li sar l-VRT test fuq din il-vettura huma ma kellhomx struzzjonijiet minghand l-

---

[10] Dok. "GF1" a fol. 29 tal-process.

[11] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Dicembru 2011, fol. 16 sa' 19 tal-process.

Awtorità biex f'magni diesel jitwahhal sigill provdut jew approvat mill-Awtorità intimata mal-pompa tad-diesel anke jekk ikun hemm forma ta' sigill tal-fabbrika.

Da parte taghha l-Awtorità intimata tikkontendi li dak li s-socjetà Rikorrenti u t-*tester* taghha jirreferu ghalih bhala sigill ma huwiex sigill kif intiz mill-Ligi ghaliex jista' facilment jigi mbaghbas biex jipperemtti li jkun hemm iktar flow ta' fuel fil-magna u fi kwalunkwe kaz ressqet prova li s-socjetà Rikorrenti flimkien ma' l-operaturi l-ohra ta' VRT stations, giet infurmata – u dana ferm qabel ma sar il-VRT test fuq il-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni GAT-791 – li *all diesel pumps that has an orifice (hole) preparation to take a seal, a seal must fitted. Both the full throttle and the fuel adjuster screws must have seals. Those not found with a seal fitted are subject to 50 point infringement as per S.L. 65.15.*

Dan it-Tribunal già kellu l-okkazzjoni jesprimi ruhu fuq kazijiet simili ghal dak in ezami fejn hemm kontestazzjoni dwar jekk is-sistema li tohrog biha magna diesel mill-fabbrika, u b'mod partikolari l-pompa tal-fuel, tistax titqies bhala sigill ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi **u** dwar jekk l-operatur tal-VRT station u t-*tester/s* tieghu kellhomx struzzjonijiet da parte ta' l-Awtorità intimata dwar is-sigilli provduti jew approvati minnha. In effetti l-Awtorità intimata waqt it-trattazzjoni orali gustament ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet "Joseph Bajada v. Awtorità ghat-Trasport f'Malta" Rik. Nru. 6/11 deciza mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva (Ghawdex) fid-19 ta' Ottubru 2012, izda fil-kaz in ezami jirrizulta aspett iehor li dwaru it-Tribunal già kellu l-okkazzjoni jesprimi ruhu – Joseph Magri noe v. Awtorità ghat-Trasport f'Malta" Rik. Nru.219/11 deciza fid-29 ta' Mejju 2012[12] - u li fil-fehma Tieghu jimpingi fuq il-validità legali tad-decizjoni li l-Awtorità intimata hadet fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti, tant illi tali punt ghandu jigi trattat ghad illi ma giex sollevat mis-socjetà Rikorrenti bhala aggravju.

[12] Soggetta ghal appell, differit ghas-sentenza ghad-29 ta' Novembru 2013.

Mid-decizjoni tat-2 ta’ Awwissu 2010[13] jirrizulta b’mod car li ghall-vjolazzjoni ravvizata mill-Awtorità intimata fir-rigward tal-VRT test esegwit fuq il-vettura bin-Numru ta’ Registrazzjoni GAT-791, gew imposti 50 punti ta’ penalità fuq it-*tester* tas-socjetà Rikorrenti John Vassallo, ghal liema punti ta' penalità giet imposta fuq is-socjetà Rikorrenti bhala korrispettiv, multa amminsitrattiva ta’ €550. Minn ezami tar-Regolamenti Dwar Testijiet Biex Jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur Huma Tajba ghat-Triq, Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, jirrizulta b'mod car li din id-decizjoni ma tirrispekkjax dak provdut fl-imsemmija Regolamenti, senjatament fir-Regolament 21, dwar kif l-Awtorità intimata tista' u ghandha timponi punti ta' penalità fuq l-operatur u/jew it-*tester* skond il-kaz u l-multi amministrattivi fil-konfront ta’ l-operatur.

Ir-Regolament 21 ta’ l-imsemmija Regolamenti, senjatament fis-subregolamenti (1), (2) u (4), kif applikabbli ghall-kaz in ezami jipprovdi li: *(1) Operatur li jonqos li jhares il-kundizzjonijiet ta’ kuntratt ghall-operaturi taht dawn ir-regolamenti u persuna li tittestja li tonqos milli thares il-kondizzjonijiet li jinsabu f’dawn ir-regolamenti ghall-persuni li jittestjaw, ikunu qed jikkontravjenu l-kundizzjonijiet imsemmija u jehlu l-punti ta’ penalità u l-multi amministrattivi mnizzla fit-Tnax-il Skeda; (2) Meta operatur jonqos milli jhares il-kondizzjonijiet stabbiliti ghall-operaturi taht dawn ir-regolamenti u meta persuna li tittestja tonqos milli thares il-kundizzjonijiet li jinsabu f’dawn ir-regolamenti ghall-persuni li jittestjaw, l-ufficjal awtorizzat* ***ghandu jaghti lill-operatur jew lill-persuna li tittestja, skond ma jkun il-kaz, avviz bil-miktub li jkun jispecifika il-ksur tal-kundizzjonijiet, in-numru adatt ta’punti ta’ penalità li jkunu se jitnaqqsu lill-operatur jew lill-persuna li biex tittestja, u il-multa amministrattiva li tkun se tigi imposta fir-rigward ta’ vjolazzjonijiet imwettqa mill-operatur****; (4)* ***Il-multa amministrattiva ghandha tkun €11 ghal kull punt ta’ penalità li jitnaqqas lill-operatur[14].***

---

[13] Dok. “GF1” a fol. 29 tal-process.

[14] Enfasi tat-Tribunal.

Minn dan ir-Regolament johorgu zewg punti fondamentali fil-kuntest ta’ sitwazzjoni fejn l-Awtorità intimata ssib li operatur ta' VRT station u/jew *tester* jonqsu milli jharsu l-kondizzjonijiet tar-Regolamenti li huma marbuta li josservaw. Fl-ewwel lok il-persuna fil-konfront ta’ min tittiehed id-decizjoni – l-operatur jew it-*tester* skond il-kaz – **ghandu** jigi notifikat bid-decizjoni ta’ l-Awtorità intimata fil-konfront tieghu u fit-tieni lok il-multa amministrattiva tigi imposta fuq l-operatur fir-rigward ta’ vjolazzjonijiet imwettqa minnu u **bhala korrispettiv ghall-punti ta' penalità li jitnaqqsu lilu direttament**.

Id-disposizzjonijiet tar-Regolament 21(2) u (4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 huma ferm cari u ma hemmx lok ta’ interpretazzjoni ohra hlief dik appena moghtija u cioè li l-operatur jehel il-multa amministrattiva biss fuq il-vjolazzjonijiet addebitati lilu direttament u bhala korrispettiv ghall-punti ta' penalità li jigu imposti fuqu direttament. Tant hu hekk il-kaz u tant hija din l-interpretazzjoni tar-Regolament in kwistjoni li it-Tnax-il Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 kif applikabbli fid-data tad-decizjoni kontestata, ossia fit-2 ta’ Awwissu 2010, (kif introdotta bl-Avviz Legali 43 ta' l-2008), kienet tipprovdi tabella ghas-sistema ta’ punti ta’ penalità ghall-fini li jigi determinat in-numru ta’ punti ta’ penalità li ghandhom jinghataw ghall-ksur tal-kondizzjonijiet tal-kuntratt ta’ operatur **u** tabella **ohra separata** ghas-sistema ta’ punti ta’ penalità ghall-fini li jigi determinat in-numru ta’ punti ta’ penalità li ghandhom jinghataw ghall-ksur tal-kondizzjonijiet ta’ *tester*.

Ghalkemm skont dawn iz-zewg tabelli hemm diversi nuqqasijiet li ghalihom l-operatur u t-*tester* jigu ppenalizzati bl-istess ammont punti ta' penalità, bhalma huwa appuntu l-kaz ta' sitwazzjoni fejn ma jinghatax kas tan-nuqqas jew tbaghbis tas-sigill tal-pompa tad-diesel, li kien jimporta 50 punti ta' penalità fir-rigward ta' l-operatur tal-VRT station skond item 23 tat-tabella ghas-sistema ta’ punti ta’ penalità ghall-fini li jigi determinat in-numru ta’ punti ta’ penalità li ghandhom jinghataw ghall-ksur tal-kondizzjonijiet tal-kuntratt ta’ operatur u 50 punti ta' penalità ukoll fir-rigward tat-*tester* skond item 20 tat-

tabella għas-sistema ta' punti ta' penalità għall-fini li jiġi determinat in-numru ta' punti ta' penalità li għandhom jingħataw għall-ksur tal-kondizzjonijiet ta' *tester,* b'daqshekk ma jfissirx li l-Awtorità intimata setgħet arbitrarjament timponi multa amministrattiva fuq l-operatur, ossia s-soċjetà Rikorrenti, bħala korrispettiv għall-punti ta' penalità imposti fuq it-*tester* tagħha John Vassallo. Għalkemm ukoll ir-Regolament 10 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15 kif applikabbli fiż-żmien tad-deċiżjoni kontestata kien *inter alia* jipprovdi li l-operatur għandu jkun kompletament responsabbli għall-proċeduri kollha ta' testijiet li jsiru fl-istazzjoni, b'daqshekk ma jfissirx li l-Awtorità intimata setgħet, nonostante dak provdut fir-Regolament 21 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15, timponi multa amministrattiva fuq l-operatur bħala korrispettiv għall-punti ta' penalità imposti fuq it-*tester.*

Huwa evidenti għalhekk li ladarba fid-deċiżjoni tagħha komunikata lis-soċjetà Rikorrenti bl-avviż datat 2 ta' Awwissu 2010, l-Awtorità intimata ma sabitx lill-istess soċjetà Rikorrenti ħatja ta' vjolazzjoni tar-Regolamenti dwar Testijiet biex Jiċċertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma Tajba għat-Triq u ma naqqsitilha ebda punti ta' penalità, id-deċiżjoni tagħha li timponi fuq l-imsemmija soċjetà multa amministrattiva ta' €550 bħala korrispettiv għall-punti ta' penalità imposti fuq it-*tester* tagħha għan-nuqqas imputat lilu, hija nulla u bla effett fil-Liġi in kwantu dik id-deċiżjoni ma hija sorretta minn ebda provvediment tal-Liġi u/jew Regolament relattiv.

Fid-dawl ta' dan kollu appena osservat it-Tribunal itenni li dan il-punt ma jistax jiġi sorvolat għaliex ma ġiex sollevat mis-soċjetà Rikorrenti bħala aggravju u dana billi anke kieku stess fuq il-fatti l-Awtorità jista' għandha raġun, u cioè waqt il-VRT test fuq i-vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni GAT-791 ma twaħħalx is-siġill minnha rikjest, it-Tribunal żgur ma jistax jgħaddi għall-konferma ta' deċiżjoni li hija nulla u bla effett fil-Liġi.

Għal kull buon fini jiġi osservat li hemm difett ieħor fid-deċiżjoni kontestata u cioè li l-item 28 tat-Tnax-il Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15 (Avviż Legali 43 ta' l-

2008) li a bazi tieghu gew imposti 50 punti ta' penalità fuq it-*tester* John Vassallo ma jirrispekkjax in-nuqqas li bih qed jigi akkuzat u konsegwentement misjub hati l-istess Vassallo. In effetti item 28 lanqas biss jezisti fit-tabella ghas-sistema ta’ punti ta’ penalità ghall-fini li jigi determinat in-numru ta’ punti ta’ penalità li ghandhom jinghataw ghall-ksur tal-kondizzjonijiet ta’ *tester.* Hemm item 28 fit-tabella ghas-sistema ta’ punti ta’ penalità ghall-fini li jigi determinat in-numru ta’ punti ta’ penalità li ghandhom jinghataw ghall-ksur tal-kondizzjonijiet tal-kuntratt ta’ operatur, liema tabella però ghall-istess ragunijiet moghtija iktar 'l fuq ma tapplikax ghal *testers* u fi kwalunkwe kaz din l-item tittratta dwar kaz fejn l-istazzjon tal-VRT ma jinzammx nadif jew bla periklu ghall-persuna li jkollha licenza biex tittestja u ghall-pubbliku li jgorr mieghu imposizzjoni ta' 30 punti ta' penalità.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat jirrizulta ghalhekk li hemm ragunijiet sufficjenti li ghandhom iwasslu ghar-revoka *in toto* tad-decizjoni ta' l-Awtorità intimata fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti komunikata lill-istess socjetà bl-avviz datat 2 ta' Awwissu 2010.

Ghal dawn ir-ragnijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan l-appell billi jirrevoka *in toto* id-decizjoni ta' l-Awtorità intimata fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti komunikata lill-istess socjetà bl-avviz datat 2 ta' Awwissu 2010.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-Awtorità intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------